IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 14.5.2012
COM(2012) 213 final

2012/0107 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE dwar l-istejtus tar-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel fir-rigward tal-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, u l-Komunità Ewropea u l-Istati membri tagħha

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fit-23 ta' Ġunju 2000, il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (minn issa 'l quddiem imsejħin "l-Istati tal-AKP"), min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmaw f'Cotonou (il-Benin) ftehim ta' sħubija (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-ftehim ta' Cotonou').

Fil-25 ta' Ġunju 2005, fil-Lussemburgu, l-Istati tal-AKP u l-Komunità Ewropea u l-Istati membri tagħha ffirmaw ftehim li jemenda l-ftehim ta' Cotonou. Il-ftehim emendat ta' Cotonou daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008, b'konformità mal-Artikolu 93(3) tiegħu, wara li r-reviżjoni tiegħu ġiet irratifikata mill-Komunità Ewropea u mill-Istati membri tagħha kif ukoll minn żewġ terzi tal-Istati tal-AKP.

Fit-22 ta' Ġunju 2010, f'Ouagadougou, l-Istati tal-AKP u l-Unjoni Ewropea ffirmaw ftehim li jemenda, għat-tieni darba, il-ftehim tal-Cotonou. Dan il-ftehim ilu jiġi applikat b'mod provviżorju sa mill-31 ta' Ottubru 2010.

Fid-9 ta' Lulju 2011, is-Sudan ta' Isfel ipproklama formalment l-indipendenza tiegħu mis-Sudan, wara referendum dwar l-awtodeterminazzjoni li sar skont il-ftehim komprensiv ta' paċi tal-2005.

B'ittra datata l-20 ta' Marzu 2012 li ntbagħtet lill-President tal-Kunsill ta' bejn l-Istati tal-AKP u l-UE permezz tas-segretarjat ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u tal-Koperazzjoni Internazzjonali tar-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel, is-Sur Nhial Deng Nhial, talab formalment li pajjiżu jissieħeb mal-ftehim ta' Cotonou skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 94 tal-istess ftehim. Ir-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel talbet li, sakemm titlesta l-proċedura tas-sħubija, tingħata l-istejtus ta' osservatur sabiex tkun tista' tipparteċipa fl-istituzzjonijiet bi sħab li ġew stabbiliti permezz tal-ftehim ta' Cotonou.

L-Unjoni Ewropea mistennija twieġeb b'mod favorevoli għal dawn it-talbiet, li għandhom jiġu approvati permezz ta' deċiżjoni formali tal-Kunsill Konġunt tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE matul il-laqgħa li se jkollhom f'Vanwatu fl-14 u l-15 ta' Ġunju 2012.

L-istejtus ta' osservatur għandu jingħata sakemm l-awtoritajiet tar-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel ikunu f'pożizzjoni li jiddepożitaw l-att tas-sħubija, li hu previst li jsir mhux aktar tard mill-20 ta'Novembru 2012, għalkemm is-Sudan ta' Isfel dejjem jista' jiddepożita l-att qabel.

Il-Parlament Ewropew se jiġi infurmat b'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jadotta l-proposta hawn mehmuża għal pożizzjoni tal-UE dwar l-istejtus tar-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel fir-rigward tal-ftehim emendat ta' Cotonou.

2012/0107 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE dwar l-istejtus tar-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel fir-rigward tal-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, u l-Komunità Ewropea u l-Istati membri tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 meħud flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn banda waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta'Ġunju 2000[1], kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fit-22 ta' Ġunju 2005[2] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-ftehim ta' Cotonou"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008 skont l-Artikolu 93(3) tiegħu. Il-ftehim ta' Cotonou ġie emendat għat-tieni darba f'Ouagadougou fil-21 ta'Ġunju 2010[3]. It-tieni modifika tal-ftehim ta' Cotonou ilha tiġi applikata provviżorjament sa mill-31 ta' Ottubru 2010[4].

(2) L-Artikolu 94 tal-ftehim ta' Cotonou jistipula li kwalunkwe talba li ssir minn Stat biex jissieħeb għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE, biex dan japprovaha.

(3) Fl-20 ta' Marzu 2012, ir-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel ippreżentat, skont l-Artikolu 94 tal-ftehim ta' Cotonou, talba biex tissieħeb flimkien ma' talba biex sadattant tingħata l-istejtus ta' osservatur, sabiex sakemm titlesta l-proċedura tas-sħubija tkun tista' tipparteċipa fl-istituzzjonijiet bi sħab li ġew stabbiliti permezz tal-ftehim ta' Cotonou.

---

1 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3; Edizzjoni speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 35 P. 3 – 379.

2 Ftehim li jemenda l-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27; ĠU L 168M , 21.6.2006, p. 32–70 (MT)).

3 Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

4 Id-Deċiżjoni Nru 2/2010 tal-Kunsill tal-Ministri ta' bejn l-Istati tal-AKP u l-UE tal-21 ta' Ġunju 2010, ĠU L 287, 04.11.2010, p.68.

(4) L-approvazzjoni tas-sħubija tas-Sudan ta’ Isfel mal-ftehim u l-għoti tal-istejtus ta' osservatur – sal-20 ta’Novembru 2012 – lil dan il-pajjiż, it-tnejn li huma mill-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE, għandhom jiġu approvati mill-Unjoni Ewropea. Ir-Repubblika tas-Sudan ta’ Isfel għandha, mhux aktar tard mid-data msemmija hawn fuq, tiddepożita l-att tas-sħubija tagħha għand is-segretarjat ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u s-Segretarjat tal-Istati tal-AKP, li huma d-depożitarji tal-ftehim.

(5) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-UE fil-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE b’risposta għal dawn it-talbiet.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu uniku

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE dwar il-kwistjoni tat-talbiet tar-Repubblika tas-Sudan ta’ Isfel biex tissieħeb mal-ftehim ta’ Cotonou, kif emendat fil-Lussemburgu u f'Ouagadougou, u biex tingħata l-istejtus ta’ osservatur, hija li dawn it-talbiet għandhom jiġu aċċettati skont il-kundizzjonijiet tal-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE, li huwa anness ma’ din id-deċiżjoni.

L-istejtus ta' osservatur ikun validu sal-20 ta' Novembru 2012. Ir-Repubblika tas-Sudan ta’ Isfel għandha tiddepożita l-att tas-sħubija għand is-segretarjat ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u s-segretarjat tal-Istati tal-AKP qabel dik id-data.

Jista’ jintlaħaq qbil dwar tibdiliet formali u minuri għall-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE mingħajr ma jkun hemm il-bżonn li jiġu emendati la din id-deċiżjoni u lanqas l-anness ta’ magħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Abbozz

Deċiżjoni Nru…/….

TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI TAL-ISTATI TAL-AKP U L-UE

ta'……
dwar l-għoti, lir-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel, tal-istejtus ta' osservatur għall-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, u l-Komunità Ewropea u l-Istati membri tagħha, u dwar is-sħubija sussegwenti tagħha miegħu

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI TAL-ISTATI TAL-AKP U L-UE,

Wara li kkunsidra l-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta'Ġunju 2000[1], kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005[2] u għat-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010[3] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-ftehim ta' Cotonou"), u b 'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1/2005 tat-8 ta' Marzu 2005 tal-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill tal-Ministri[4] tal-Istati tal-AKP u l-UE u, b'mod partikolari, l-Artikolu 8(3) tagħha,

Billi

(1) Il-ftehim ta' Cotonou daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008 skont l-Artikolu 93(3) tiegħu. Ġie emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005, u għat-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010. It-tieni reviżjoni ilha tiġi applikata b'mod provviżorju sa mill-31 ta' Ottubru 2010[5].

(2) L-Artikolu 94 tal-ftehim ta' Cotonou jistipula li kwalunkwe talba li ssir minn Stat biex jissieħeb għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE, biex dan japprovaha.

(3) Fl-20 ta' Marzu 2012, ir-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel ippreżentat, skont l-Artikolu 94 tal-ftehim ta' Cotonou, talba biex tissieħeb flimkien ma' talba biex, sakemm titlesta

---

1 ĠU KE L 317, 15.12.2000, p. 3; Edizzjoni speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 35 P. 3 – 379.

2 Ftehim li jemenda l-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27; ĠU L 168M , 21.6.2006, p. 32–70 (MT)).

3 Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU UE L 287, 4.11.2010, p. 3).

4 ĠU UE L 95, 14.4.2005, p. 44; ĠU L 159M , 13.6.2006, p. 355–358 (MT).

5 Id-Deċiżjoni Nru 2/2010 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tal-21 ta' Ġunju 2010, ĠU L 287, 04.11.2010, p.68.

l-proċedura tas-sħubija, tingħata l-istejtus ta' osservatur sabiex tkun tista' tipparteċipa fl-istituzzjonijiet bi sħab li ġew stabbiliti permezz tal-ftehim ta' Cotonou, .

(4) L-istejtus ta' osservatur għandu jkun validu sal-20 ta' Novembru 2012. Qabel dik id-data, ir-Repubblika tas-Sudan ta' Isfel għandha tiddepożita l-att tas-sħubija għand id-depożitarji tal-Ftehim ta' Cotonou, jiġifieri s-segretarjat ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u s-segretarjat tal-Istati tal-AKP.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Approvazzjoni tat-talbiet għas-sħubija u għall-istejtus ta' osservatur

It-talba tas-Sudan ta' Isfel biex jissieħeb mal-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta'Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 u kif emendat għat-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010, hija b'dan approvata.

Is-Sudan ta' Isfel ikollu l-istejtus ta' osservatur sal-20 ta' Novembru 2012. Qabel dik id-data, is-Sudan ta' Isfel jiddepożita l-att tas-sħubija tiegħu għand id-depożitarji tal-Ftehim ta' Cotonou, jiġifieri s-segretarjat ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u s-segretarjat tal-Istati tal-AKP.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ ġurnata wara li tiġi adottata.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE
Il-President